FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 20 ta' Gunju, 2002**

**Numru 13**

**Avviz. numru 457/02JR**

**St. Andrew's Hotels Limited**

**vs**

**S.A. Construction Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Frar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u tmien liri Maltin u hames centezmi (Lm508.05), u fejn intqal:**

**Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' hames mija u tmien liri Maltin u hames centezmi (Lm508.05) rapprezentanti prezz ta' ikel u xorb, kif jidher mill-kont hawn anness u mmrkat Dokument A;**

Illi minkejja interpellata thallas dan l-ammont is-socjeta` konvenuta baghet inadempjenti;

Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta l-ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi m'ghandux it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta` thallas lil dik attrici s–somma ta' hames mija u tmien liri Maltin u hames centezmi (Lm508.05) dovuta kif fuq inghad;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta ngunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.

Semgha x-xhieda ta' Dr. Vanessa Borg ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Art.13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' hames mija u tmien liri Maltin u hames centezmi (Lm508.05) bl-imghaxijiet legali mill-25 ta' Frar, 2002.

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**